IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru6 (sitta) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru, 2019, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sindku ippresedja l-laqgħa

**6.1. Item Nru 6.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

6.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.40pm u kulħadd kien preżenti

**6.2. Item Nru. 6.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

6.2.1. Minuti tal-laqgħa numru 5 ttieħdu bħala moqrija u kien hemm dawn il-korrezzjonijiet:

Minuta 5.3.4 tiżdied il-frażi "fuq bażi ta' seniority"

Qabel minuta 5.3.9 Tiżdied il-frażi "Is-Sur Anthony Valvo ġie skużat biex joħroġ mil-laqgħa fis-7.30pm"

Wara dawn il-korrezzjonijiet il-Minuti ittieħdu Approvati unanimament.

IX-XGĦAJRA

**6.3 Item Nru. 6.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

6.3.1 Is-Sindku s-Sur Neil Attard qal li l-attivita tal-pasta night kienet sostenibbli minnha nnifisha u id-dħul kien l-istess ekwivalenti ghall-ħruġ.

Wara diskussjoni sar qbil biex kull attivita għandha jkollha rendikont dettaljat tad-dħul u ħruġ.

6.3.2 Is-Sur Attard qal li wara li rajna liema kienet l-irħas offerta u twaħħlu l-cameras bi prova jidher li l-kwalita hija tajba ħafna. Għalhekk ġie maqbul li nipproċedu bl-irħas offerta ta' cameras bis-solar kif ukoll titwaħħal camera ġdida fejn il-Knisja.

Is-sistemi tal-cameras jistgħu jieħdu l-wifi ukoll biex inkunu nistgħu naċċessawhom bil-mobile.

Fis-18.37 il-laqgħa ġiet sospiża temporanjament u tkompliet fis- 18.55.

6.3.3 Is-Sindku qal li dwar it-talbiet li għandna ma' Trasport Malta dawn ser jiġu diskussi nhar il-Ġimgħa 13 ta' Settembru fid-9am.

Il-punti li ser jitqajjmu f'din il-laqgħa huma dawn:

Road humps f'Dawret ix-Xatt u Triq il-Fortizza tal-Grazzja.
Zebra Crossing f' Dawret ix-Xatt.
Triq iċ-Ċern.

6.3.4 Is-Sindku qal li għadna qed nistennew id-disinn tal-proġett tal-isports complex mingħand il-perit Charles Buhagiar. Tqajjem punt li xi residenti ilmentaw li ser ikun hemm xi storbju meta jkun lest il-proġett pero l-Kunsill ikkonferma li mhux ser ikun il-każ.

6.3.5 Is-Sindku qal li dwar il-Bus Shelters ġodda għadna ma smajna xejnu għalhekk tajjeb li nibgħatu reminder lil-Kumpannija Faces.

6.3.6 Is-Sindku qal li l-qtugħ tal-ħaxix jonqos dak ta' wara l-lasti u jkun lest. Ser nerġgħu infakkruh sabiex isir mil-aktar fis ukoll.

Is-Sindku kompla jgħid ukoll li dan l-istess kuntrattur tqabbad biex jiġbor xi skart li inħareġ fit-toroq kmieni kif ukoll xogħol ta' tindif fejn il-milord. Għalhekk ippreżenta dan il-kont.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

6.4 **Item Nru 6.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

6.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk il-Bus Shelter ta' Triq l-Ispnott jistax jitmexxa għal aktar l-isfel fejn kien hemm il-Bring in Site. Il-Kunsill qabel u ser tintbgħat talba lis-Sezzjoni tat-Trasport Pubbliku fi Trasport Malta.

6.4.2 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk nistgħu nitolbu lil GO Plc sabiex it-telephone box li hemm f'Dawret ix-Xatt fejn il-Milord titneħħa minħabba li ma tintużax u tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel ma' dan.

6.4.3 Il-Viċi Sindku qalet li bħalissa reġa għandna problema kbira ta' ġrieden ma' kullimkien. Għalhekk tajjeb li nerġgħu nibgħatu talba biex tal-Environmental Health jieħdu ħsieb.

Is-Sa. Pulis semmiet ukoll li Dawret ix-Xatt propju fil-parti ta' fejn Trejqet ix-Xilep qed ikun hemm ħafna ġrieden minħabba li qed joħorgu l-ikel għall-qtates. Hi qalet li m'għandha xejn kontra dan imma l-importanti li jitnaddaf minnufih wara li jieklu l-qtates.

6.4.3 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk jistax isir xi ħaġa fi Triq Wied Glavan għaliex hemm plot vojt u qed ikun il-mira u jarmu ħafna skart fih. Is-Sindku qal iva li anke lilu kellmuh pero il-problema qed joħolquha in-nies t'hemm stess. Ġieli qalulu li jwaddbu l-boroż minn fuq il-bjut ta' biswit stess. Il-Kunsill qabel li jitkellem mar-residenti tal-akkwati u naraw il-possibilta li titwaħħal camera.

6.4.4 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk jistgħux isiru tabelli biex ma jarmawx gazebos fil-bajjiet għaliex qed ikun hemm dizgwit. Is-Segretarju qal li bħala Kunsill m'għandnix bye law ninfurzawha pero bil-bye law li ser issir tal-caravans nistgħu indaħħlu wkoll gazebos.

6.4.5 Is-Sa. Pulis xtaqet tirrimarka li hi mhux kontra l-events affattu anzi tixtieq tgħin ukoll.

6.4.6 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk il-Kunsill tax-Xgħajra hux ser jiehu sehem fil-Cleanup the World. Is-Sindku qal li fix-Xgħajra ser issir ukoll nhar il-21 ta' Settembru.

6.4.7 Is-Sa. Borg staqsiet jekk il-ġabra tal-iskart organiku nistgħux inżidu ġabra oħra. Is-Segretarju qal li il-ġbir tal-iskart organiku huwa Malta kollha l-istess pero xorta ha nistaqsu l-Wasteserv.

IX-XGĦAJRA

6.4.8 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux ikollna dettalji meta jmut xi ħadd mix-Xgħajra mil-Knisja. Is-Segretarju qal li ser jagħmel talba mal-Arcipriet.

6.4.9 Is-Sa. Borg staqsiet fuq żbir ta’ siġar u qalet meta ser isir dan iż-żbir. Is-Segretarju qal li ser jibgħat talba lil ELC.

6.4.10 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux insibu post fejn inkunu nistgħu nagħmlu dogs’ park. Il-Kunsill qabel li ser nindividwaw post aktar -il quddiem.

6.4.11 Is-Sur Camilleri staqsa jekk nistgħux napplikaw sabiex ikollna ATM fix-Xgħajra. Is-Segretarju qal li jinsab infurmat li ser issir waħda tal-BOV fi Smart City. Is-Segretarju kompla jgħid li bħala Kunsill ilu żmien jitlob għal ATM ġewwa x-Xgħajra u ikkuntattja lil banek kummerċjali kollha pero ir-risposta dejjem kienet fin-negattiv pero xorta waħda ser nerġgħu nibgħatu t-talbiet mil-ġdid.

**6.5 Item Nru. 6.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

6.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**6.6 Item Nru. 6.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

6.6.1 Kollox ġie indirizzat fil-punti preċedenti.

**6.7 Item Nru. 6.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;**

6.7.1 Pagamenti b’numru 84 ġew approvati unanimament.

**6.8 Item Nru. 6.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

6.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

IX-XGĦAJRA

**6.9 Item Nru. 6.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

6.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm

Aġġornament għal-nhar l-Erbgħa 25 ta' Settembru, 2019 fil-5.30pm

Iffirmat

______________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

______________________

Neil Attard

Sindku